# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

## IT-TMIN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 64

27 ta' Settembru 2023

Il-Kunsilli Lokali Ħ'Attard iltaqa' online b'xi membri fis-Sala tal-Kunsill li jinsab fl-indirizz 13/15, Triq Sant'Anna, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
STEFAN CORDINA – Sindku
Alexander Louis Mangion – Viċi Sindku
Helen Caruana – Kunsillier
Victor Galea - Kunsillier
Maria Concetta Scerri – Kunsillier
John P. Bonnici – Kunsillier
Remigio Bartolo – Kunsillier
Silvio Brincat – Kunsillier
Giorgio Mario Schembri – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Marica Mifsud Mintoff - Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ppresjieda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-5.33pm. Kulħadd, minn dawk li kellhom ikunu preżenti kien daħal onlajn jew ġie fuq il-post fil-ħin.

## 64.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

64.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma kienx hemm ittri t'apoloġiji.

## 64.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

64.2.1 Il-Minuti tal-laqgħa 63 ġew approvati.

## 64.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

### 64.3.1 Uffiċċini *ġodda tal-Kunsill*

Is-Sur Cordina qal li fir-rigward tal-Uffiċċini reġa' nqala l-madum kollu u qed isir mill-ġdid u li jinsab kważi lest kollu, iż-żebgħa fuq ġewwa speċjalment tas-soqfa kważi lesta kollha, il-Perit tal-kuntrattur ippreżenta tpinġija ġdida tal-pitt u din kienet aċċettabbli min-naħa tal-Perit tal-Kunsill u dan għandu jkompli wkoll. Is-Sur Cordina qal li l-kuntrattur għadu jinsisti fuq id-depożitu tal-lift u ressaq proposta fejn hu jħallas id-depożitu u jġib il-karti kollha u wara jiġi rifuż mill-ewwel. Is-Sur Cordina qal li dan forsi jkun aċċettabli min-naħa tal-Kunsill imma li xtaq jinforma lilhom biex ikunu jafu x'inhu għaddej. Għandha ssir talba uffiċċjali bil-miktub u qabel jitħallas joħroġ fattura skont il-proċeduri.

L-Avukat Brincat saqsa xi jsir jekk dan jordna lift imma jmur iwaħħlu għand xi ħadd ieħor? Il-Kunsill ikun ħallas id-depożitu u dan ma jġibux. Kompla jgħid li kien għalih jibda jinstalla u jħallsu. Is-Sur Cordina qal li hekk ma jistax ikun għax ħa jilħqu jgħaddu xi tliet xhur oħra u ma jsir xejn. Kompla jgħid li huma jridu jeħilsu imma l-Avukat baqa' jinsisti li dan biex jiġi nċentivat għandu jitħallas kif jibda jeħel. Wara ftit tħassib l-Avukat Brincat qal li allura l-fattura għandha tkun f'isem il-Kunsill Lokali Ħ'Attard biex il-Kunsill ikun rabat lil min ħa jissuplixxieh jekk jinqala xi ħaġa.

Is-Sur Victor Galea għamel appell biex jingħalqu t-twieqi ħabba l-maltemp ħalli ma jerġax jiġri kif ġara fil-passat qarib.

L-Avukat Caruana u s-Sur Mangion daħlu f'dan il-mument 5.38pm.

### 64.3.2 *Billboard fi Triq Tumas Chetcuti*

Is-Sur Cordina qal li rċieva imejl fuq applikazzjoni ta' *billboard* li se jittella' faċċata ta' Triq Tumas Chetcuti. Is-Sur Cordina qal li ma jsir xejn ħażin jekk il-Kunsill jagħmel oġġezzjoni. Il-Perit Schembri qal li jaqbel għax inkella jintlew kullimkien bihom bħal ma hemm it-triq tal-Imrieħel speċjalment jekk ikunu bid-dawl il-ħin kollu jpetptu.

64.3.3 *Line Dancing*

Reġgħet tressqet talba sabiex il-Kunsill jissupplixxi te, kafè u xi gallettini għal waqt din l-attività bħal ma kien jingħata s-sena l-oħra. L-ammont li kien ingħata kien ta' €400 għas-sena kollha. Din it-talba ġiet milqugħa bil-patt li bħas-soltu din issir b'kollaborazzjoni mal-Kunsill.

64.3.4 *Friutland*

Is-Sur Cordina qal li kif miftiehem il-Perit bgħat lill-Fruitland u tella' wkoll onlajn ir-rappreżentazzjoni u li dawk li jixtiequ kopja jistgħu jieħdu waħda wara l-laqgħa jew tintbagħtilhom imejl.

## 64.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

64.4.1 Victor Galea

- Saqsa jekk hemmx bżonn li ssir iktar pressjoni ħabba x-xogħolijiet ta' Triq il-Linja. Is-Sur Cordina qal li taw l-ewwel saff f'xi bnadi imma fejn kienu qed jaqilgħu sabu xi fdalijiet tal-linji tal-ferrovija u kellhom jieqfu. Issa kollox f'idejn Heritage Malta sabiex jibgħatu l-approvazzjonijiet tagħhom kemm jista' jkun malajr. Qal li għal min jiftakar meta kienu ħadmu huma fi Ġnien il-Kunsill kienu ħadmu kollox bl-idejn. Is-Sur Galea saqsa għala għadha magħluqa t-triq kollha. Is-Sur Cordina qal li għad trid issir iż-*żebra crossing* ukoll. Is-Sur Galea saqsa fuq il-briġġ? Biex ikun onest qal li ilhom li taw order biex jitkompla imma data eżatt meta ħa jitkompla ma kellux.

64.4.2 Remigio Bartolo

- Qal li ġie kkuntatjat mill-Maestro tal-Banda La Stella Levantina sabiex jiddeċiedu d-data għal Jum H'Attard 2024. Wara diskussjoni fuq dati prospettivi minħabba li ħa taħbat mal-fest tal-Għid. Ġie deċiż li ssir fl-24 ta' Marzu 2024.

64.4.3 Alex Mangion

- Saqsa fuq il-meżżi ta' sigurtà fis-*Central Link*. Is-Sur Cordina qal li qed imorru bl-i*speed guns* u li waslet biex teħel l-i*speed camera* wkoll.

64.4.4 Silvio Brincat

- Saqsa fuq il-knis ta' Żnuber għax in-nies qalulu li kien ilu ma jmur. Hi spjegat kif din iż-żona ssir il-Ħamis u meta kien qed jinqata' l-ħaxix min kien qed jiġbru ma laħħaqx l-iskeda kollha għax ovvjament dam ftit iktar mis-soltu. Hi qalet li kull ma nqabżet ġimgħa u li ħa ssir għada u l-istess ġara bil-ħaxix f'żona oħra fejn tħalla ġimgħa ħabba li

nbidel il-kennies u ma kienx jaf iż-żona sew. Qalet li fuq dawn l-ilmenti kienet infurmata u ħadet l-azzjoni meħtieġa.

- Qal li l-istess ħaġa qed tiġri bil-kartun u dan jitħalla jiġri mat-toroq kollha. Hu qal li dan mhux sew, li l-Kunsill kellu sistema tajba fejn il-ħġieġ kien jiġabar mal-kartun u issa spiċċaw b'kullimkien ħmieġ u karti kull ħmistax. Is-Sur Cordina qal li appuntu kien qed isir tindif darba fi ħmistax nhar ta' ġimgħa u li dawk l-ispejjeż li kien semmielhom kienu biex isir dan it-tindif u jitnaqqsu mill-ispejjeż tar-Reġjun. Kompla jgħid li waqt il-laqgħa tar-Reġjun tkellmu appuntu fuq din il-kwistjoni u li il-proposta li tressqet fl-opinjoni tiegħu se jibqgħu ċikku briku. L-Avukat Brincat qal li hu sema li se jibda jinġabar nhar ta' Erbgħa imma li vera se jibqgħu cikku briku. Is-Sur Cordina qal li r-Reġjun se jikteb f'isem is-Sindki kollha lil min hu konċernat forsi sal-aħħar tas-sena jaslu x'imkien peress li r-Reġjun għandu iktar saħħa.

- Semma l-lista li nħarġet fuq l-amministraturi tal-blokkok rigward regoli tal-ġbir ta' skart fuq il-postijiet ta' villeġġjatura. L-Avukat Brincat qal li issa se tkun iktar faċli biex wieħed jikseb nformazzjoni fuq is-sidien ta' postijiet u li Kunsilli Lokali jistgħu jieħdu ritratti u jibgħatu r-rapporti fejn għandhom jintbagħtu skont l-informazzjoni mogħtija. Is-Sur Cordina qal ukoll li l-Kunsill irċieva permezz t'imejl l-istatistika ta' kemm saru spezzjonijiet tul din l-aħħar sena. Qal li minn Jannar sa Settembru ingħataw xi 24 ċitazzjoni mill-Lesa. Ta statistika wkoll mill-ERA imma r-riżultat mixtieq bħal ma ngħataw lokalitajiet oħra ġo Ħ'Attard ma kienx hemm li hu fattur pożittiv għax meta tikkumpara lokalitajiet oħra ma' Ħ'Attard il-lokalità hi ferm iktar nadifa minn lokalitajiet oħra.

- Saqsa wkoll fuq il-*bays* tal-*Goto*. Is-Sur Cordina qal li dawn tneħħew.

64.4.5 Helen Caruana

- Saqsiet fuq l-Uffiċċini u s-Sindku reġa rrepeta dak kollu li kien qal f'item 64.3.1. Hi semmiet il-garanzija wkoll li għandha tkun *in order.*
- Arblu fi Triq il-Belt Valletta li jinsab imsewwi mgħotti bit-tejp. Biex issir iktar pressjoni biex jissewwa.

64.4.6 John Bonnici

- Saqsa fuq meta se jitlesta Ġnien l-Istazzjon. Is-Sur Cordina qal li jonqos l-istruttura, li nħarġet tender m'applika ħadd u kellha terġa' toħroġ is-sejħa maqsuma f'Lots. Is-Segretarju Eżekuttiv elaborat kif mill-binja nħarġu żewġ tenders oħra tal-għamara u appuntu tal-Galvanised Steel Structure li suppost kien hemm fondi mwegħda mill-Ministeru imma sfortunatament dawn reġgħu lura minn kelmthom. Qalet li fir-rigward tal-binja kien jonqos it-tinda, il-bibien u l-isnag list. Il-lift ġie nstallat imma kien jonqsu xi buttuni. Il-bibien kellhom jiġu nstallati fil-bidu tad-dieħla filwaqt li t-tinda kienet fil-proċess li qed tiġi maħduma. Qalet li l-għamara kellha tasal għal nofs Ottubru u tiġi nstallata sal-aħħar ġimgħa t'Ottubru. Riedet ukoll tfakkar, biex in-nies ikunu jafu s'sar

li kien hemm proċessi oħrajn li waslu u r-riżultaw f'dewmien żejjed bħax-xogħol tar-reservoir fejn kellu jsir bl-idejn u damu ħafna weqfien, it-twaqqiegħ tal-ħitan, id-dewmien min-naħa tal-kuntrattur biex ikompli fuq ċeru affarijiet, l-art u l-latrini pubbliċi li reġgħu inqalgħu mill-qiegħ biex isiru aċċessibbli għad-diżabbli. Is-Sur Cordina qal li ukoll li biex ifittxu jgħaġġlu sar xi xogħol mill-ħaddiema tal-Kunsill. Dan barra li jridu jinxtraw is-siġġijiet u l-*appliances* ukoll.

## 64.5 Rapporti

64.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma kienx hemm rapporti.

## 64.6 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

64.6.1 Ma kienx hemm items oħra.

## 64.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.

64.7.1 L-Avukat Brincat talbet li tara ċ-ċedola minħabba li ma kellhiex ċansa taraha qabel. Saqsiet fuq Architecture XV u saqsiet jekk ikunux *grouped.* Saqsiet ukoll fuq Alexandra Camilleri miċ-ċedola tal-*Petty Cash* u s-Segretarju Eżekuttive qaltilha li din hi l-fattiga tal-Uffiċċini.

Proponent: Victor Galea Sekondant: Giorgio Schembri

L-iskeda ġiet approvata.

## 64.8 Mozzjonijiet; u

64.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 64.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

64.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.16pm u ġiet aġġornata għas-25 ta' Ottubru 2023 fis-5.30pm

Konfermati, illum 25 ta' Ottubru 2023.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Stefan Cordina | Marica Mifsud Mintoff |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |